# Nitgħallmu mill-istorja tal-irħula li kienu jagħmlu mall-Parroċċa ta' Santa Liena

Jurgen D'Amato



Waħda mill-parroċċi li ħargu mill-Kolleġġjata ta' Santa Liena hi dik tal-Parroċċa ta' San Giljan fl-1891. Żgur li ħafna minna meta jisimgħu bil-post ta' San Ġiljan jiġi f'moħħhom id-divertiment, il-lukandi lussużi u r-ristoranti li illum taw lil San Ġiljan laqta kemm xejn turistika u mfittxija miż-żagħżagħ. Imma r-raħal ta' San Giljan huwa antik ferm u għandu storja mimlija avvenimenti li jibqgħu mnizzlin fl-istorja ta' Malta. Ħafna ukoll jigi f'moħħhom il-konnessjoni ovja bejn ir-raħal ta' San Ġiljan mal-patrun li jġib l-istess isem dak ta' San Giljan Ospidalier. Imma dak li hu ovju mhux dejjem kien ovju. F'dan l-artiklu tiegħi se nkellimkom f'dak iż-żmien fl-istorja meta r-raħal ta' San Ġiljan kien għadu viċi-parroċċa u fejn f' dak iż-żmien kien hemm bidla fit-titular ċċelebrat.

Nirreferikom għall-ktieb ta' Achille Ferris *"Descrizione Storica Delle Chiese di Malta e di Gozo"* tal-1886, Ferris jagħmel referenza għal tliet knejjes ġewwa San Ġiljan. Dawn huma waħda ddedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni mibnija mill-Kavallieri Fra Raffaele Spinola, il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fiż-żona tal-Ballut li kienet ġjuspatronat tal-Fratellanza tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt Valletta u l-Knisja ddedikata lil Assunzjoni ta' Marija Vergni. L-awtur jagħmel referenza li din il-knisja kienet tisejjah ukoll Ta' Lapsi forsi minħabba kwadru li juri fiħ it-Tlugħ tal-Mulej fis-Sema, pittura ta' Raffaele Caruna. Madwar 250 sena qabel, fit- 8 ta' Ottubru 1634, il-Vigarju Monsinjur Salvatore Pontremoli jispjega wara vista pastorali li kien għamel li dan l-isem Ta' Lapsi ġej għax hemm tradizzjoni qawwija marbuta miegħu. Ħu jkompli jgħid li fis-Solennita' tat-Tlugħ tas-Sema tal-Mulej kien hemm madwar 2000 ruħ minn diversi inħwai tal-madwar fejn inġabru









f'din il-knisja biex jieħdu sehem f'diversi quddisiet. Wara kienu jinżlu fil-bajja u jieħdu l-ewwel għawma tas-Sajf. Minħabba li din it-tradizzjoni kompliet tikber bdew jingħadu l-Ewwel Vespri u Quddiesa Kantata f' dan il-jum.

Ferris iżid, li din il-knisja sa mill-qedem kellha devozzjoni qawwija lil San Giljan. Ħuwa jagħmel referenza lejn l-ewwel knisja li nbniet madwar is-sena 1580 waqt li t-tkabbir tagħha seħħ fl-1682. Fuq vista pastorali tal- Isqof Sant fl-1848 l-knisja "Ta Lapsi" ġiet mogħtija t-titlu ta' Viċi-Parroċċa u reġgħet ġiet mkabbra fl-1852. Il-Prepostu ta' Birkirkara Dun Ġuzepp Debono bierek din il-knisja nhar l- 20 ta' Frar 1853. Wara dan iż-żmien il-Festa ta' San Giljan bidet tiġi ċċelebrata fil-glorja kollha tagħha. Fl-1877, il-festa ġiet ċċelebrata nhar il-Ħadd 26 ta' Awwissu; fejn il-funzjonijiet tal-Knisja kienu fdati f'idejn l-orkestra ta' Maestro Malfeggiani waqt li l-festi esterni kienu kkaratterizzati mill-gostra, logħob tan-nar, tiżjin u mill-baned "La Nazionale Vincitrice" flimkien mal-banda ta' Birkirkara u tal-Furjana.

Biex wieħed jikkonferma kemm il-Knisja Ta' Lapsi kienet iddedikata lejn l-Assunzjoni, hemm il-kwadru titulari l-antik li illum jinsab fis-sagristija tal-istess knisja. Kompla jgħaddi z-zmien u l-Arċisqof Mons. Pietru Pace fit-8 ta' Settembru 1891 iwaqqaf parroċċa oħra. Wara li ra x-xewqa tan-nies tal-post imma ukoll fuq xewqa tiegħu personali li San Ġiljan ikun ikkunsidrat parroċċa għalih. Bil-Knisja Ta' Lapsi tkun il-knisja parrokkjali minn fost il-knejjes li kienu miftuħin għall-pubbliku.





*(Jurgen D'Amato hu ggradwat fil-Bacellerat fit-Teoloġija kif ukoll ġab il-P.G.C.E fl-Edukazzjoni Reliġjuża fl-2014. Jurgen hu l-ewwel u sa issa l-unika student fl-Universita ta' Malta li għamel it-teżi tal-B.A fuq il-ħajja ta' Papa Piju XII u hu wieħed mill-ftit studenti tal-Fakulta minn kemm ilha teżisti li iddeċieda li jkompli fuq il-qasam tal-Istorja tal-Knisja. Jurgen għandu 22 sena u fil-ħin liberu tiegħu idoqq it-trumbetta ma' ħafna baned u hu ukoll P.R.O u Assistent Delegat tal-Banda San Ġiljan A.D. 1927.)*